

Brussell, 11 ta' Novembru 2022
(OR. en)

14087/22

CO EUR-PREP 27

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (15 u 16 ta' Diċembru 2022) – Abbozz ta' aġenda annotata

F'konformità mal-Artikolu 3(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kunsill Ewropew, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-membru tal-Kunsill Ewropew li jirrappreżenta lill-Istat Membru li għandu l-Preidenza ta' sitt xhur tal-Kunsill u mal-President tal-Kummissjoni, għandu jippreżenta abbozz ta' aġenda annotata lill-Kunsill Affarijiet Ġenerali.

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż l-abbozz ta' aġenda annotata ppreżentata mill-President tal-Kunsill Ewropew, fejn huma mniżżlin il-punti ewlenin li l-Kunsill Ewropew mistenni jindirizza fil-laqgħa msemmija hawn fuq.

Fid-dawl tad-diskussjoni finali li għandha ssir fil-Kunsill Affarijiet Ġenerali fil-ħamest ijiem ta' qabel il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kunsill Ewropew għandu jfassal l-aġenda proviżorja.

I. UKRAJNA/RUSSJA

Il-Kunsill Ewropew ser jindirizza l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna fid-dimensjonijiet kollha tagħha u l-appoġġ kontinwu tal-Unjoni għall-Ukrajna.

II. ENERĠIJA U EKONOMIJA

Il-Kunsill Ewropew ser jevalwa l-progress fl-implimentazzjoni tal-konklużjonijiet tiegħu ta' Ottubru 2022 u jipprovdi aktar gwida kif adatt.

III. SIGURTÀ U DIFIŻA

Il-Kunsill Ewropew ser jevalwa l-ħidma mwettqa biex tiġi implimentata l-Boxxla Strateġika, inkluż it-tisħiħ tas-sħubijiet tal-Unjoni u t-tisħiħ tar-reżiljenza tagħha, u ser jipprovdi gwida dwar il-ħidma futura. Il-Kunsill Ewropew ser jiddiskuti modi biex tiżdied aktar il-kapaċità ta' sigurtà u difiża tal-Unjoni permezz ta' investimenti aktar kollaborattivi, b'enfasi fuq nuqqasijiet strateġiċi identifikati, kif maqbul f'Versailles fl-10 u l-11 ta' Marzu 2022. Il-Kunsill Ewropew ser jagħti wkoll gwida dwar l-appoġġ lis-sħab tal-UE, inkluż permezz ta' strumenti bħall-Faċilità Ewropea għall-Paċi u l-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK.

IV. VIĊINAT TAN-NOFSINHAR

Il-Kunsill Ewropew ser ikollu diskussjoni strateġika dwar ir-relazzjonijiet mal-Viċinat tan-Nofsinhar.

V. RELAZZJONIJIET ESTERNI

Fid-dawl tal-avvenimenti, il-Kunsill Ewropew jista' jindirizza kwistjonijiet speċifiċi oħra ta' politika barranija.

wara nofsinhar: Relazzjonijiet trans-Atlantiċi